MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Rikors Numru. 29/2009

**Margaret Jean Zammit (ID 587852M), Eileen Rebecchi (ID 87955M), Sandra Attard (ID 199959M), Stephanie Elizabeth Zammt (ID 618761M), Suzanne Ellul Vincenti (ID 32364M) lkoll bhala sidien.**
**vs**

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur tas-sidien esproprijati :

Illi permezz ta' Avviz numru 1180 ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Novembru 2004, il-Kummissarju tal-Artijiet ippubblika l-Avviz ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond bin-numru 35, fi Trq il-Wied, l-Imsida, liema fond jidher immarkat bl-ahmar fuq il-pjanta P.D. 144_99 (Anness Dok EC 1)

Illi l-esponenti huma proprjetarji ta' (1/5) indiviz, liberu u frank tal-istess fond;

Illi permezz tal-istess avviz, l-esponenti gew mgharrfa illi l-kumpens kien ta' erbgha u ghoxrin elf, erba' mija u tmienja u hamsin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€24,458.42) ekwivalenti ghall-ghaxart elef u hames mitt lira Maltin (Lm10,500) u dan skond l-istima tal-Perit Arkitett Carmen V. Sutton A&CE;

Illi permezz ta' ittra gudizzjarja datata 5 ta' Mejju 2009, il-Kummissarju tal-Artijiet informa ai termini ta' l-Artikolu 22 tal Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta lil inter alia l-esponenti illi qieghed joffri l-kumpens ta' erbgha u ghoxrin elf, erba' mija u tmienja u hamsin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€24,458.42) ekwivalenti ghall-ghaxart elef u hames mitt lira Maltin (Lm10,500) u dan skond l-istima tal-Perit Arkitett Carmen V. Sutton A&CE, kif ukoll gew avzati sabiex fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata (21) min-notifika tal-istess att gudizzjarju jghidu jekk humiex ser jikkontestaw tali ammont, u f'dan il-kaz jindikaw il-valur minnhom pretiz (Anness Dok EC 2);

Illi l-esponenti mhumiex disposti li jaccettaw l-offerta maghmula mill-Kummissarju tal-Artijiet, stante li l-valur offert huwa fern anqas minn dak stabbilit mill-Perit imqabbad mill-espoonenti, liema perit kif jidher mill-annessa stima mmarkata Dok EC 3, il-prorpjeta' fl-intier tiswa tnejn u tletin elf u hames mitt Euro (€32,500) u ghalhekk il-kumpens offrut mhux wiehed adegwat;

Illi ghalhekk fil-fehma tal-esponenti, is-sehem taghhom minn din il-proprjeta' jkun fil-valur ta' sitt elef u hames mitt Euro (€6,500);

Ghaldaqstant, in vizta tas-suespost, l-esponenti filwaqt li jaghmlu referenza ghal dak fuq indikat, kif ukoll ghall-artikolu 22 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jistabilixxi l-valur fl-intier tal-fond numru 35 fi Triq il-Wied l-Imsida fl-ammont ta' tnejn u tletin elf u hames mitt Euro (€32,500) u konsegwentement il-kumpens illi l-intimat ghandu jaghti lill-esponenti fil-valur ta' sitt elef u hames mitt Euro (€6,500), u dan peress illi l-esponenti huma proprjetarji ta' kwint (1/5) indiviz, liberu u

frank, tal-proprjeta' fl-intier, jew somma ohra verjuri li dan il-Bord jidhirlu xieraq, kif ukoll li jaghti kwalunkwe ordni jew direttiva ohra mehtiega skond il-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjes kontra l-intimat Kummissarju tal-Artijiet;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi r-rikorrenti sidien kienu irrifjutaw il-kumpens offert mid-direttur tal-artijiet u dan ghaliex dehrilhom li l-istess offerta kienet wahda baxxa tenut kont illi fondi adjacenti ghal dak espproprijat kien akkwistati mill-istess dipartiment ghall-prezz aktar minn dak minnu offert u r-rikorrenti esebew kopji ta' atti notarili in sostenn tal-pretensjoni taghhom oltre stima tal-perit arkitett minnhom inkarigat;

Illi sabiex jiffissa l-kumpens gust, l-Bord kien assenja biex jassituh lil zewg periti membri mill-elenku ufficjali u li dawn, wara li hadu in kkonsiderazzjoni x-xhieda u d-dokumenti tal-kaz ikkonkludew bil-mod segwenti fir-relazzjoni taghhom li hija annessa u formanti parti minn din id-decizjoni:

L-esponenti ikkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta), u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-proprjeta ghandha tigi meqjusa bhala art fabbrikabbli ai termini tal-Ordinanza, u li l-valur tal-istess proprjeta bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esibiti, ghandhu jigi iffissat fl-ammont ta' tnejn u tletin elf ewro (Euro32,000)

Illi stante d-decizjoni unanima tal-periti membri, il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilhom ghat-trasferiment b'xiri assolut bhala liberu u frank tal-**intier** tal-fond 35, Triq il-Wied, l-Msida, mmarkat bl-ahmar fuq il-pjanta LD 144_99 u parti minn Housing Drawing MS/3/93 u dikjarat fabbrikabbli, fl-ammont ta'

tnejn u tletin elf euro (Euro 32,000.00) oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------